MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 16

21 ta' Lulju 2020

Minuti tas-seduta Nru. 16 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess recording jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 5.16.4. **(Ref: T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)** tas-seduta preċedenti u pproponiet li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"5.16.2. Il-Kunsill qabel li l-attività għandha ssir nhar is-Sibt 18 ta' Lulju 2020 mill-5.00 pm 'il quddiem.".*

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 15, li saret fit-30 ta' Ġunju 2020, ġew approvati bl-emenda skont il-minuta 1.2. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Junction* ta' Triq il-Marfa ma' Triq il-Qammieħ (T/3/3/Vol V)

2.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.21.1. tas-seduta ta' qabel u qal li dakinhar huwa kien aċċenna li teżisti anomalija fil-marki tal-karreġġjata ta' Triq il-Marfa faċċata tal-*Caravan Site* tal-Għadira u dik bi dritt Triq il-Qammieħ. Kompla jgħid li f'tal-ewwel hemm sinjal interrott li jindika li wieħed jista' jaqsam min-naħa għall-oħra, filwaqt li faċċata ta' Triq il-Qammieħ hemm linja kontinwa li tipprojbixxi dan. Kompla jgħid li kellu diversi lmenti dwar dan, u fil-fatt is-suġġett anke spiċċa fil-medja soċjali, fejn dan in-nuqqas ġie attribwit lilu bħala Kunsillier responsabbli mit-traffiku. Is-Sur E. Bartolo, għaldaqstant talab li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss mill-ġdid. Għal fini ta' sigurtà għandha tiġi introdotta *roundabout* biex

ikun regolat id-dħul u l-ħruġ mill-caravan site, Triq il-Qammieħ, it-triq tal-lukanda Mellieħa Bay u għall-parkeġġ Għadira.

2.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li qsim minn Triq il-Marfa għat-triq li tagħti għall-lukanda Mellieħa Bay kellu jitħalla, peress li huwa diffiċli partikularment għall-coaches li jduru lejn il-lukanda, mingħajr ma jokkupaw żewġ karreġġjati, kemm-il darba jkunu ġejjin mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa. Huwa għalhekk issuġġerixxa li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex joħorġu huma b'soluzzjoni li toffru l-aktar sigurtà.

2.1.4. Is-Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li minn naħa ta' Projects Plus Ltd ikkonfermaw li l-*junction* ta' Triq il-Marfa mat-triq tal-parkeġġ mhijiex inkluża fil-proġett tal-parkeġġ. Huma tal-opinjoni li l-introduzzjoni ta' *roundabout* jista' jkun ta' problema minħabba differenza kbira fil-livelli tal-art. Fil-kuntatti li kien hemm, anke ssemmiet proposta ta' *loop* minn Triq il-Marfa għat-triq tal-lukanda sabiex tingħeleb il-problema tad-diżlivell. Is-Sur Vella qal li Projects Plus kellhom jagħmlu rapprezentazzjoni dwar din il-materja ma' Transport Malta.

2.1.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta dwar is-suġġett u possibilment tintalab laqgħa mal-Bord tat-Traffiku.

## 2.2.1. Proġett *Slow Street* (T/3/6)

2.2.1. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li ssir laqgħa bejn il-membri tal-Kunsill sabiex tiġi stabbilita ideja ġenerali dwar il-proġett imsemmi.

2.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg fakkar li fil-Kunsill preċedenti kien hemm l-intenzjoni li jitfassal pjan ħollistiku dwar iż-żona ta' konservazzjoni urbana u t-toroq ewlenin, li jkun jinvolvi aspetti bħalma huma l-imwejjed u siġġijiet, għamara tat-toroq, dwal, eċċ. Għaldaqstant ippropona li jsir kuntatt mal-konsulenti appuntati mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali bil-għan li jkun hemm skambju ta' idejat u hekk jiġi stabbilit jekk dawn ikunux jinkwadraw fil-*policies* prevalenti tal-Awtorità tal-Ippjanar.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.2.2. aktar 'l fuq.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 3.4.1. tas-seduta preċedenti u staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi minn naħa tal-iżviluppatur rigward il-ftuħ mill-ġdid tat-taraġ imsemmi.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kiteb lill-iżviluppatur u kien għadu ma weġibx bil-kitba.

## 3.2.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm rispons mill-pubbliku dwar l-pjanijiet tal-Kunsill.

3.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li kien hemm diversi ndividwi li ressqu l-opinjoni tagħhom dwar l-eliminazzjoni tal-konġestjoni fi TriqĠorġ Borg Olivier, iżda ngħata żmien biex jagħmlu dan sal-31 ta' Lulju 2020, u għalhekk wieħed għandu janalizzahom wara dik id-data.

## 3.3.1. Ġbir ta' skart domestiku mill-Qammieħ (K/6/2/Vol V)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.2.4. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm respons mill-konsulent legali tal-Kunsill.

3.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

### 3.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

3.4.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett u staqsa jekk ġietx identifika persuna li tista tagħti parir professjonali dwar l-miżuri li jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Qortin.

3.4.3. Il-Viċi Sindku qal li huwa jaf perit intiż fil-kostruzzjoni tat-toroq u l-immaniġġjar tat-traffiku, però baqa' lura milli jkompli l-kuntatti miegħu fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali mal-Kunsill.

3.4.4. Il-Kunsill iddeċieda li s-servizz jista' jinkiseb bħala estensjoni mal-kuntratt li diġa għandu dwar is-servizz ta' perit.

### 3.5.1. Bankina fi Triq Ġorġ Borg Olivier quddiem il-Maritim Hotel Antonin & Spa (D/3/1/Vol V)

3.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 5.9.5. tas-Seduta Nru. 14 tat-2 ta' Ġunju 2020 u staqsa dwar jekk l-operatur tal-lukanda msemmija kienx ġie notifikat bid-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill rigward it-tħawwil ta' siġar/arbuxelli fi Triq Ġorġ BorgOlivier kantuniera ma' Triq San Publiju sabiex dan isir qrib il-faċċata tal-lukanda. Huwa qal li dawn fil-fatt saru b'mod li qed jgħattu t-traffiku li jkun nieżel fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

3.5.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li d-deċiżjoni ġiet komunikata bil-kitba u fil-fatt l-operatur tal-lukanda kellu jaderixxi magħha.

### 3.6.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra (C/4/Vol IV)

3.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.22.1. tas-seduta preċedenti u staqsiet dwar jekk kienx hemm rispons minn naħa ta' Transport Malta dwar arranġamenti ġodda għall-ipparkjar fil-bajja tal-Mistra.

3.6.3. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

### 3.7.1. Bankina fi Triq il-Mellieħa (T/4/7/Vol III)

3.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.7.1. u staqsiet dwar jekk kienitx ingħatat tweġiba minn Infrastructure Malta dwar il-possibiltà li ssir bankina mit-triq biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata sat-triq ta' l-Irdum id-Delli.

3.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv..

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/07/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/07/20 – 17/07/20;
- Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* għas-Sena Finanzjarja 2019;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-allokazzjoni ta' fondi li kien hemm taħt l-iskema msemmija fir-rigward tal-i*Sports Rally*, liema skema hija amministrata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi. Huwa aċċenna għall-fatt li dan l-avviment kellu jseħħ fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2020, iżda kellu jiġi mħassar minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Is-Segretarjat Parlamentari ġie notifikat dwar dan u ntalab posponiment għal

Ġunju 2021. Permezz ta' imejl datat 6 ta' Lulju 2020, is-Segretarjat għarraf li kkunsidra t-talba u ser jikkuntattja lill-Kunsill aktar 'il quddiem sabiex jiġi emendat il-ftehim dwar l-għotja.

5.1.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa iktar favur l-ideja li jittella' avveniment sportiv qabel tintemm fl-2020.

5.1.4. Is-Sindku D. Vella ppropona li għandhom jiġu ċċekkjati l-kriterji tal-iskema sabiex wieħed jara jekk huwiex possibbli li l-fondi jintużaw sabiex supplimentaw l-għotja ta' SportMalta, ntiża sabiex tkopri parti mill-ispiża nvoluta fil-bdil tat-tagħmir tal-*outdoor gym* fil-Park tal-Familja.

5.1.5. Il-Kunsill qabel li l-proposta skont il-minuta 5.1.4. għandha tingħata prijorità l-alternattiva skont il-minuta 5.1.3., kemm-il darba l-kriterji jippermetti u jkun hemm l-approvazzjoni mis-Segretarjat Parlamentari konċernat.

## 5.2.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol XV)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 7 ta' Ġunju 2020, fejn il-Mellieħa Scout Group talbu li jingħataw konċessjoni sabiex jidħlu fl-ewwel parti ta' Triq Salvu Camilleri kontra il-*one-way*, sakemm tiġi asfaltata Triq it-Tabib Joseph Grech Attard.

5.2.3. Permezz ta' imejl datat 3 ta' Lulju 2020, intqal li din it-triq tifforma parti minn kuntratt li jinvolvi izjed minn 170 triq ma' Malta kollha, li diġa qiegħed jiġi mplimentat, u li dawn jridu jsiru waħda wara l-oħra u allura jieħdu ċertu żmien.

5.2.4. Il-Kunsillier I. Castillo rrakkomanda li sakemm titlesta Triq it-Tabib Joseph Grech jitneħħew żewġ spazzji għall-ipparkjar fi Triq Salvu Camilleri faċċata tal-istess triq. Huwa qal li apparti l-vettura użata mill-gruppi tal-iScouts li jiġu fil-kwartieri tagħhom il-Fortizza tas-Salib, kif ukoll illi jkun hemm aċċess għat-*test van* tal-Enemalta għas-substation, kemm biex jagħmel manutenzjoni ta' rutina, kif ukoll f'każ ta' tiswijiet urġenti.

5.2.5. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini kkummentat li hija ma taqbilx li jintilef spażju għall-ipparkar, sempliċiment għaliex kultant żmien jirrikjedi li tidħol vettura kbira fil-kwartieri tal-iScouts. Hija tenniet li r-residenti ta' Triq Salvu Camilleri laqgħu l-miżura tal-*one-way*, filwaqt li l-inkonvenjent tal-iScouts huwa iżolat u ta' natura temporanja sakemm tinfetaħ Triq it-Tabib Joseph Grech Attard.

5.2.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-miżura dwar it-tneħħija ta' *parking bays* fi Triq Salvu Camilleri hija waħda temporanja. Huwa fakkar ukoll li teżisti l-possibiltà li titwitta Triq it-Tabib Joseph Grech Attard u jinqata' xi blat. Kompla jgħid li jekk dawn iż-żewġ miżuri m'humiex aċċettabli t-tnejn, allura jagħmel sens li d-direzzjoni tal-*one-way* fi Triq Salvu Camilleri ssir bil-kontra li tkun tinvolvi wkoll arranġamenti tal-istess tip fit-toroq tal-madwar.

5.2.7. Fuq proposta tas-Sindku D. Vella, il-Kunsill qabel li għandha ssir spezzjoni oħra fuq il-post.

## 5.3.1. Dħul ta' vetturi kbar f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XV) (T/4/7/Vol III)

5.3.2. Saret referenza għall-imejl datat 1 ta' Lulju 2020, mibgħut minn Transport Malta dwar talba li saritilhom sabiex vetturi kbar ma' jgħaddux mit-triq imsemmija għar-raġuni li dawn ser jagħmlu ħsara lit-triq li ser tinbena mill-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Transport Malta ġew mistoqsija dwar jekk hijiex issir referenza għal xi parti partikulari tat-triq, jew it-tul kollu tagħha, bejn Triq il-Marfa sa Triq l-Arżnell. It-tweġiba kienet it-talba tinvolvi t-triq kollha.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jkun diffiċli ħafna li vetturi kbar jiġu miżmuma milli jidħlu f'Dawret it-Tunnara, b'mod speċjali fil-parti bejn Triq it-Trill u Triq l-Arżnell. Ġie nnutat ukoll li din it-triq m'għandha xejn differenti mit-toroq l-oħra fl-istess żona.

5.3.4. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 5.13.6. tas-seduta ta' qabel, fejn il-Kunsill kien iddeċieda li ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta sabiex jikkonsidraw il-possibiltà li l-ħajt ma jkunx aktar għoli minn nofs metru mil-livell tat-triq u jsir puġġaman fuqu tat-tip li hemm matul

il-*promenade* ta' Triq iċ-Ċirkewwa. Il-Kunsill kien qabel ukoll li għandu jiġi kkunsidrat li l-profil tal-ħajt fuq in-naħa tal-baħar jiġi nkorporat xorta waħda fl-għoli tal-ħajt imnaqqas.

5.3.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' imejl datat 13 ta' Lulju 2020, Infrastructure Malta staqsew dwar jekk il-Kunsill għamilx xi studju biex jissusstanzja din il-proposta. Ingħatat tweġiba fin-negattiv, iżda minn naħa l-oħra ntqal illi f'każ li Infrastructure Malta għandha *data* u/jew studju li ma jittollerawx il-proposta mressqa, il-Kunsill ikun jista' jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu abbażi tal-evidenza teknika li għandha.

5.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1. LC Care Project (A/9)

5.4.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' Lulju 2020, fejn l-Awtorità tal-Ippjanar ikkanċellat l-applikazzjoni *Tracking* Nru. 238355 dwar l-iżvilupp tal-faċilitajiet għat-tiswija tal-qtates fil-Park tal-Familja. Dan peress li l-Awtorità tal-Artijiet kienet għadha ma ħarġitx in-*no objection* għall-iżvilupp propost sad-data mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar. F'dan il-każ il-perit ma setax jitlob estensjoni.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li fid-dawl ta' dan, saret talba lid-Direttorat għal-Benesseri tal-Annimali sabiex jikkondra li l-fondi allokati jingħataw sabiex isir tiswija tal-qtates meħtieġa sa Diċembru 2020.

5.4.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kien hemm sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetti u inizjattivi li ser jitwettqu fl-2021. Is-sejħa għalqet fis-17 ta' Lulju 2020 wara li saret laqgħa nformattiva fis-7 ta' Lulju. L-applikazzjoni li ġiet sottomessa kienet tinvolvi x-xiri ta' ikel u mediċini għall-qtates.

5.4.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.5.1. *Adventure Race 2020* organizzata mill-Agones SFC (S/6/Vol VI)

5.5.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat l-10 ta' Lulju 2020 mibgħut mill-Agones SFC, fejn għarrfu li fit-30 ta' Awwissu 2020 ser jorganizzaw l-Għaxar Edizzjoni tal-*Adventure Race* f'Għajn Tuffieħa u fil-Mistra għall-karità. Apparti l-permess tal-Kunsill huma talbu l-għajnuna tiegħu sabiex jinxtraw it-trofej, xorb u frott lill-parteċipanti.

5.5.3. Il-Kunsill approva t-talba sakemm l-involviment tiegħu ma jkunx jaqbeż €150.

## 5.6.1. Tismija ta' sqaq fi Triq Triq San Ġużepp fil-Manikata (T/4/1/Vol III)

5.6.2. Is-Sindku D. Vella qal li huwa ġie avviċinat minn proprjetarju ta' binja li għandha faċċata fuq Triq il-Knisja l-Qadima, kif ukoll għandha aċċess minn sqaq li jinfed għal Triq San Ġużepp. L-istess proprjetarju qed jitlob sabiex l-isqaq jingħata isem għal raġunijiet amministrattivi.

5.6.3. Il-Kunsill innota li skont l-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar – PA 4610/17 – l-intenzjoni hija li jkun hemm daħla separata minn Triq San Ġużepp, flimkien mal-permess li diġa nħareġ li jipprovdi għall-ipparkjar ta' vetturi u l-bini ta' garaxx fuq in-naħa ta' wara tal-binja eżistenti. Fid-dawl ta' dan, kien hemm qbil li l-isqaq li jinfed għal Triq San Ġużepp mhuwiex pubbliku u għalhekk m'għandux jingħata isem uffiċjali bħal kull triq pubblika oħra.

## 5.7.1. Attività mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar – Maria Bambina (T/4/6/Vol V)

5.7.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 5 ta' Lulju 2020 mibgħut mill-għaqda msemmija fejn appellaw lill-Kunsill jipparteċipa fl-organizzazzjoni tal-barbecue annwali li ser jittellgħa f'Misraħ il-Parroċċa fit-18 ta' Lulju 2020.

5.7.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.8.1. Fuljett bl-attivitajiet marbuta mal-Festi ta' San Ġużeppp u l-Vitorja (F/2/Vol VII)(F/2/Vol VIII)**

5.8.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-istampar tal-fuljett imsemmi bl-attivitajiet tal-festi titular fil-Mellieħa u l-Manikata. Huwa qal li għalkemm din is-sena l-attivitajiet mhux ser ikunu fuq l-iskala ta' snin oħra minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19, l-għaqdiet xorta waħda qed ifasslu l-programmi tagħhom.

5.8.3. Kien hemm qbil li sakemm iċ-ċirkostanzi jibqgħu l-istess, għandu jitqassam il-programm tal-attivitajiet, kif ukoll issir il-kordinazzjoni mal-Pulizija u l-għaqdiet involuti fil-festi, kif isir minn sena għall'oħra.

**5.9.1. Ipparkjar ta' *caravans* qrib fi Triq ir-Ramla tal-Bir (C/4/Vol IV)**

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li għadd ta' *caravans* qed jiġu pparkjati fit-triq imsemmija qrib id-daħla tal-lukanda Ramla Bay.

5.9.3. Il-Kunsill innota li dawn jinsabu fuq art pubblika u għalhekk għandu jsir rapport mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jittieħdu passi minn naħa tagħha.

**5.10.1. Ftuħ mill-ġdid taċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva u l-Iskema tal-LESA (E/3/1/11/Vol II)(F/1/7/Vol V)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuti 5.6.1. u 5.26.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li kien ser jifdal madwar €1,300 mill-fondi allokati mill-LESA li huma ntenzjonati għall-ħarġiet kulturali. Billi dawn twaqqfu minħabba r-restrizzjoni marbuta mal-Covid-19, saret talba lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn jagħmlu tajjeb għas-sessjonijiet tal-pilates li attwalment qed jiffinanzja in parti l-Kunsill.

5.10.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.11.1. Ġbir ta' skart domestiku minn Triq id-Deru (K/6/2/Vol V)(K/6/11)**

5.11.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fid-9 ta' Lulju 2020 saret laqgħa mal-iżviluppatur tal-blokka Southridge ta' Triq id-Deru, li tħaddan fiha 'l fuq minn 150 *unit* residenzjali. Il-laqgħa kienet intiża sabiex jiġi stabbilit metodu kif għandu jinġabar l-iskart minn din il-binja mingħajr l-użu ta' *skips* fit-toroq ta' madwarha. L-iżviluppatur ġibed l-attenzjoni li l-Awtorità tal-Ippjanar obbligatu jipprovdi kamra ta' erba' metri kwadri li ovvjament mhux biżżejjed biex tieħu l-volum kollu. Għaldaqstant huwa lest jipprovdi kamra ta' 28 metru kwadru b'ħajt diviżorju f'nofsha biex tieħu l-iskart organiku/imħallat u parti oħra għall-iskart riċiklabbli. Ta' l-ewwel tkun mgħammra bl-arja kundizzjonata sabiex ma jkunx hemm irwejjaħ.

5.11.3. Fl-10 ta' Lulju 2020 saret laqgħa fuq il-post li għaliha attenda l-kuntrattur tal-Kunsill inkarigat mill-ġbir l-iskart organiku/imħallat. Peress li l-obbligu kuntrattwali tiegħu huwa li jiġbor l-iskart mit-toroq biss, huwa talab ħlas addizzjonali biex jagħmel dan. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li laqgħa simili trid issir mal-kuntratur tal-iskema nkarigata mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li għal dawn il-kunttatti qegħdin jattendu wkoll is-Sindku D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C.Debono.

5.11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal fil-kuntatti li jsiru għandha ssir insistenza li l-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż addizzjonali biex jagħti servizz li jmur oltre minn dak li jingħata f'toroq oħra. Huwa qal li dan il-piż għandu jintrefa' mill-kondominju.

5.11.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet meta s-somma mitluba mill-kuntrattur tinqasam bejn l-inkwilini kollha din hija raġġjonevoli ħafna, anke meta jitqies l-istatus tal-binja infisha.

5.11.6. Is-Sindku qal li din l-pożizzjoni ġiet addottata mill-bidu nett, anke fl-eventwalità li l-iżvilupp Southridge mhuwiex ser ikun l-uniku tat-tip tiegħu, kemm f'dik iż-żona. Għaldaqstant dan irid iservi ta' mudell li jeħtieġ jiġi applikat kull fejn jiżviluppaw sitwazzjonijiet simili.

5.11.7. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

### 5.12.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (T/6/1/Vol IV)

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet lill-Kunsill illi fit-18 ta' Lulju 2020 saret *clean-up* fl-Aħrax tat-Tunnara, flimkien mal-*Outdoor Recreation and Camping Association* (ORCA). Flimkien magħha attendew, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, M. Abela, G. Micallef u K. Buttigieg. Attendew ukoll membri mill-Birdlife Malta li taw preżentazzjoni lill-20 persuna li ħadu sehem.

5.12.3. Is-Sinjura Bartolo Cutajar qalet li l-ORCA għandha l-intenzjoni li torganizza attività oħra f'Settembru 2020, li tinvolvi apsailing fl-irdum fl-Aħrax tat-Tunnara. Sar appell sabiex il-Kunsill jassisti kif soltu jagħmel.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u laqa' l-appell skont il-minuta 5.12.3.

5.12.5. Is-Sinjura Bartolo Cutajar ħadet l-opportunità biex infurmat li grupp ieħor bl-isem *No To Litter Mellieħa*, jixtiequ li l-Kunsill jipprovdilhom sitt *litter pickers* u *first aid box*. Għaldaqstant talbet li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex dawn jinxtraw.

5.12.6. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.12.5. aktar 'l fuq.

### 5.13.1. Studju dwar tniġġis mill-ħoss (T/4/7/Vol III)

5.13.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar għarrfet li hija ġiet avviċinata minn student universitarju li bħala parti mill-kors tiegħu ntalab jagħmel studju dwar il-livell tal-ħoss fit-toroq l-aktar traffikużi fil-lokalità, ossija Triq il-Kbira/Ġorġ Borg Olivier u Triq Lewis Wettinger. Il-persuna konċernata talbet l-intervent tal-Kunsill biex jiġu jdentifikati l-postijiet fejn ikun jista' jitpoġġa t-tagħmir meħtieġ, misluf mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent. Is-Sinjura Bartolo Cutajar qalet li r-riżultati ta' dan l-istudju jista' jkunu utli għall-Kunsill

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Kuntratt dwar it-tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-mozzjoni li ġiet approvata fis-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq, u qalet illi hija għandha l-intenzjoni li jkollha laqgħat regolari mal-kuntrattur konċernat biex jitfassal pjan ta' xogħol mifrux fuq ġimgħa, li jiġi diskuss x'ikun twettaq minnu fil-laqgħa tal-ġimgħa ta' wara. Il-*work plan* diskuss jista' jittellgħa fis-sit elettroniku u l-medium soċjali tal-Kunsill. Dan għandu jkun mod effettiv biex jinżamm kuntatt dirett mal-kuntrattur, u la darba jkun hemm il-pubblikazzjoni tal-*work plan*, dan għandu jħollsu aktar kommess biex iwettqu.

5.14.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk, il-*Contracts Manager* jiġix infurmat dwar nuqqasijiet li jkun hemm mill-kuntrattur. Tenniet li jekk ma jkunx hemm sistema dwar ħruġ ta' *default notices,* ma jkunx hemm titjib fis-servizz.

5.14.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li fiċ-ċirkostanzi huwa jaqbel mal-proposta skont il-minuta 5.14.2., iżda dan l-inkarigu għandu jiġi delegat lill-*Contracts Manager* wara li dan jorjenta ruħu dwar dak li huwa mistenni minnu. Kompla jgħid li l-esperjenza wriet li għalkemm strettament mhux obbligu tiegħu, ikun aħjar li huwa bħala Segretarju Eżekuttiv jidħol fuq in-nuqqasijiet tal-kuntratturi, għaliex b'hekk jiġi żgurat li jinstab rimedju fl-iqsar ħin possibbli. Is-Sur C. Debono, ikkummenta li kif kienu ċ-ċirkostanzi għal diversi snin, irriżulta li jkun aħjar jekk is-Sindku jew s-Segretarjat jikkuntattjaw direttament mal-kuntrattur. Huwa rrimarka wkoll li permezz tal-*Contracts Manager* taħt il-kuntratt il-ġdid l-affarijiet jimxu kif suppost.

5.14.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.14.2., bħala miżura temporanja.

### 5.15.1. Xogħlijiet meħtieġa (C/6/Vol VI)

5.15.2. Il-Kunsilliera I- Castillo ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa tax-xogħlijiet segwenti:

- Tibjid tal-ħajt tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw;
- Tneħħija ta' ħaxix mill-isqaq bejn Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq il-Pluviera;

5.15.3. Ittieħdet nota tal-punti mqajma sabiex tittieħed azzjoni.

### 5.16.1. Bankina matul il-*promenade* tal-Għadira (T/4/4/Vol II)

5.16.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-bankina li hemm matul il-*promenade* ta' Triq il-Marfa, f'ċerti postijiet hija għolja u nieqsa mir-rampi li jiffaċilitaw l-aċċessibiltà għall-persuni b'diżabilità li jużaw is-siġġijiet tar-roti.

5.16.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità sabiex jiġu stabbiliti l-postijiet li għandhom jiġu trattati.

### 5.17.1. Ipparkjar faċċata ta' garaxxijiet fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/1/Vol III)

5.17.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-inkonvenjent li qed jaffaċċjaw persuni li għandhom garaxxijiet fit-triq imsemmija, fil-parti bejn Triq Adenau u Triq Sammy Bartolo. Minkejja li jeżistu linji doppji sofor faċċata tagħhom, xorta waħda qed ikun hemm vetturi pparkjati. Għaldaqsant huwa ppropona li jsiru xi tip ta' *bollards* l'isfel mil-bankina, jew *No Parking* biż-żebgħa mal-art.

5.17.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba, peress li l-arranġamenti marbuta mal-inġombru quddiem garaxxijiet huma regolati b'linji gwida ta' Transport Malta.

### 5.18.1. Imblukkar tal-aċċess bil-vetturi għall-inħawi tal-Blata (T/3/2/Vol VX)

5.18.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li spiss jinstaqu vetturi *four wheel drive* fl-inħawi tal-Blata fil-limiti ta' Selmun, fejn hemm is-salini tal-melħ. Huwa ppropona li l-aċċess jiġi mblukkat, permezz ta' *crash barrier* li jitwaħħlu mal-art f'biċtejn, b'tali mod li persuna tkun tista' tgħaddi minn bejniethom. Huwa qal li għamel xi kuntatti minn naħa tiegħu biex jara jekk jistax jitpoġġa ġebel kbir, iżda dan mhux daqshekk faċli li jinstab.

5.18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit il-post eżatt fejn għandhom jitwaħħlu *crash barriers* sabiex ikun żgurat li ma jiġux affettwati persuni li għandhom ir-raba fl-inħawi.

### 5.19.1. Korsijiet – Tagħlim tul-il Ħajja - *Lifelong Learning* 2020/21 (E/3/1/5/Vol II)

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġie ppubblikat l-propectus dwar il-korsijiet imsemmija u għal darba oħra intwera interess dwar il-Malti u l-Ingliż għall-barranin u fil-konverżazzjoni bil-Malti. Hija qalet li din id-darba dawn il-korsijiet ġew estiżi għal studenti minn ħmistax-il sena 'il fuq.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Korsijiet offruti mill-MCAST (K/1/3/Vol II)

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 14 ta' Lulju 2020, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħat informattivi bil-Malti u bl-Ingliż, intiżi sabiex il-familji jinfurmaw ruħhom dwar il-korsijiet tal -MCAST, u hekk jgħinu lil uliedhom jagħmlu għażliet infurmati f'dawk li huma korsijiet. Il-Kunsill intalab jipprovdi faċilitajiet adekwati sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-laqgħat.

5.20.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

### 5.21.1. Introduzzjoni ta' *speed hump* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XV)

5.21.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fi Triq Għajn Żejtuna, fil-parti qrib Triq il-Pont. Huwa għaldaqstant ippropona li terġa' ssir *speed hump* perpendikulari fi Triq Għajn Żejtuna bejn Triq ta' Taħt l-Irdum u Triq il-Pont.

5.21.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg issuġġerixxa li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex ssir *raised plateau* bl-asfalt.

5.21.4. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment skont il-minuta 5.21.3., aktar 'il fuq.

### 5.22.1. Proġett taħt il-programm ERASMUS+ (P/10/35)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li fil-21 ta' Lulju 2020 saret laqgħa ma' uffiċċjal mill-European Union Programmes Agency dwar l-implimentazzjoni tal-proġett *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*, liema proġett kellu jiġi pospost minħabba l-miżuri marbuta mal-Covid-19. Is-Sur K. Buttigieg għaraf ukoll li l-EUPA tikkonsidra li tagħmel ħlasijiet għal titjiriet li ġew ibbukkjati li ma seħħewx minħabba forża maġġuri bħalma hija l-Covid-19. Huwa qal li l-EUPA normalment tilqa' dawn it-tip ta' talbiet u għalhekk saret talba għal dan il-għan.

5.22.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li għad hemm il-possibiltà li l-aġenzija tal-ivjaġġar li ħadet il-*booking* fil-fatt qed titlob il-ħlas fuq il-biljetti tal-ajru.

5.22.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.23.1. Attività bl-isem *"Hold the Fort"* (A/6/3/2/Vol 80)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-attività msemmija kellha ssir f'Marzu 2020, iżda kellha tiġi posposta minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Din, issa hija ppjanata li sseħħ fl-4 ta' Ottubru 2020, ġewwa l-Aħrax. Huwa mistenni li din tinvolvi 700 ruħ, li jkunu qed jipparteċipaw f'tellieqa fi gruppi ta' ħamsin persuna. Is-Sur K. Buttigieg kompla jgħid li l-organizzaturi jirrikonoxxu l-appoġġ li jingħata mill-Kunsill bil-ħruġ tal-permessi u faċilitajiet meħtieġa waqt l-avveniment.

5.23.3. Is-Sindku D. Vella qal li kif sar fir-rigward ta' attivitajiet oħra, jrid ikun hemm kundizzjoni fil-permess, dwar l-osservazzjoni tad-direttivi marbuta ma' covid19.

5.23.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-permess, soġġett għad-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa minn żmien għal żmien.

### 5.24.1. Ħsara fil-ħajt tat-triq quddiem il-*boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għal ħajt li kien iżomm it-triq bejn is-Sezzjoni A u B tal-*boathouses* imsemmija. Dan iġġarraf bl-ilmijiet tax-xita u ħafna mit-terrapien inġarr mill-baħar bil-maltemp. Kompla jgħid li jekk ma tittieħidx azzjoni, dan il-proċess ikompli, it-triq taqa' u jispiċċa l-aċċess għall-istess *boathouses*.

5.24.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saret rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta dwar din il-materja fl-10 ta' Ġunju 2020.

### 5.25.1. Servizzi fil-komunità mill-Aġenzija Sapport (K/1/3/Vol II)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ittra datat 23 ta' Ġunju 2020 mill-aġenzija msemmija dwar servizzi li jistgħu jingħataw permezz ta' *social workers*. Is-servizz huwa ntiż sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familjari li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità. Hija għarrfet ukoll li f'isem il-Kunsill uriet interess f'din l-inizjattiva u għaldaqstant ser ikunu għaddejjin kuntatti dwarha.

5.25.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.26.1. Puġġaman għall-għawwiema f'Dawret it-Tunnara** **(X/1/1/Vol II)**

5.26.2. Il-Kunsillier G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li jsir puġġaman għall-għawwiema fis-*slipway* li hemm bi dritt Triq it-Trill.

5.26.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li huwa ma jaqbilx illi l-għawwiema jużaw l-area tas-*slipway* biex jitilgħu u jinżlu fil-baħar, minħabba l-periklu li dan jinvolvi.

5.26.4. Is-Sur G. Micallef qal li ser jara hemmx alternattiva oħra li toffri aktar siġurtà.

**5.27.1. Assenjar ta' ħaddiema tal-OZO Ltd** **(T/4/5/Vol IV)**

5.27.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li l-ħaddiema tal-OZO Ltd li ġew assenjati jagħmlu xogħol mal-Kunsill mis-Segretarjat Parlamentari għas-Servizzi Ekonomiċi u l-Ekonomija Diġitali, ġew irtirati fl-4 ta' Lulju 2020, peress li reġgħu rritornaw fuq ix-xogħol normali tagħhom. Kompla jgħid li dawn naddfu diversi postijiet u għaldaqstant għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-management tal-OZO Ltd u lis-Segretarjat Parlamentari msemmi għall-kontribut li taw biex seħħet din l-inizjattiva. Is-Sur K. Buttigieg ippropona wkoll li tiġi ppreżentata tifkira lill-istess ħaddiema bħala apprezzament.

5.27.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna li r-*ranger* tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti għen ħafna fil-kordinazzjoni tat-tindif li sar.

5.27.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**5.28.1. Kors fix-xogħol tal-bizzilla** **(E/3/1/6/Vol II)**

5.29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li bħalma sar fl-2019, il-Kunsill intalab jipprovdi għalliema sabiex jerġa jsir kors fix-xogħol tal-bizzilla flimkien mal-Ladies Craft Circle.

5.29.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**6.1. Infurzar tar-regolamenti u Maniġġ ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier**
**(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għal-laqgħa li kienet saret bejn il-membri tal-Kunsill fit-12 ta' Frar 2020, fejn kienu ġew identifikati tliet miżuri ewlenin li permezz tagħhom tista' titnaqqas il-konġestjoni fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Huwa fakkar li dawn jinvolvu:

(a) L-immaniġġjar tal-traffiku;
(b) L-infurzar tar-restrizzjonijiet eżistenti;
(c) Devjazzjoni ta' ċerti rotot tal-karozzi tal-linja għal toroq oħra.

6.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li l-miżuri (a) u (b) jistgħu jiġu trattati għalihom sakemm l-miżura (ċ) tiġi approvata u jkun hemm l-intrastruttura meħtieġa. Fakkar li l-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika ser jagħlaq fil-31 ta' Lulju 2020 u sad-data tas-seduta kienu daħlu xi proposti, li kważi kollha jittrattaw proposti dwar miżuri li diġa ġew trattati fil-passat.

6.4. Bħala miżura marbuta mat-traffiku, is-Sur J. Buttigieg ippropona li fis-Sibtijiet ma jingħatawx permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni li jinvolvu għeluq ta' toroq fiż-żona kummerċjali. Huwa semma Triq Ġorġ Borg Olivier; Triq il-Kbira; Triq tas-Salib (bejn Triq il-Kbira u Misraħ tas-Salib); Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq Sant' Anna, Triq Santa Marija, Triq Sant' Elena, Triq il-Kappillan Magri, Triq Dun Franġisk Sciberras; Triq Adenau.

6.5. Dwar il-proposta skont il-minuta 6.4. aktar'il fuq, il-Kunsillier E. Bartolo qal li jkun jagħmel sens jekk ir-restrizzjoni tiġi estiża għal nhar ta' Ġimgħa wkoll, partikularment meta jkun hemm *long weekend*. Huwa aċċenna wkoll li meta Dawret il-Mellieħa tingħaq ikollha mpatt qawwi fuq Triq Ġorġ Borg Olivier ukoll, apparti fuq Triq Ġnien Ingraw u Triq is-Santwarju.

6.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li Transport Malta tesiġi li meta jkun meħtieġ li jingħalqu toroq ewlenin għal raġunijiet ta' kostruzzjoni, dan isir nhar ta' Sibt, peress

li fit-toroq ikun hemm inqas traffiku. Huwa qal ukoll li xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi diġa huwa pprojbit, skont kif provdut f'L.S. 552.09.

6.7. Is-Sur J. Buttigieg qal li f'każijiet eċċezzjonali eż: fejn ikun hemm urġenza, wieħed jista' jikkunsidra eżenzjoni. Huwa qal li l-parti l-kbira ta' merkanzija relatata mal-kostruzzjoni tista' titqassam fi kwalunkwe jum tal-ġimgħa, u mhux neċessarjament issir il-Ġimgħa jew is-Sibt.

6.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-ħruġ ta' permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq imsemmija fil-minuta 6.4., li jkunu jirrikjedu għeluq ta' toroq, ma jingħatawx nhar ta' Ġimgħa u s-Sibt, sakemm ma jkunx hemm direzzjoni xort oħra minn Transport Malta.

6.9. Dwar l-infurzar, is-Sur J. Buttigieg ppropona li jsiru *patrols* permezz tal-uffiċjali ta' Transport Malta f'ħinijiet differenti. Bħala eżempju huwa qal li dan is-servizz jista' jintalab mit-Tnejn sas-Sibt, sagħtejn kull darba.

6.10. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għall-ewwel ġimgħa, minn jikser ir-regolamenti jiġi mwissi. Huwa ppropona wkoll li s-servizz jista' jintalab għal tul ta' sagħtejn kull darba.

6.11. Il-Kunsillier I. Castillo qal li jista' ikun li l-uffiċjali għandhom numru ta' siegħat minimi li jistgħu jiġu mqabbda, u għaldaqstant ikun jagħmel sens li jsir ftehim fit-tul ma' Transport Malta. Huwa qal ukoll li tista' tiġi nstallata sistema ta' *smart cameras* kkalibrati b'tali mod li per eżempju jittolleraw ipparkjar fuq il-*Keep Clear* għal ċertu ħin. Jistgħu jintużaw ukoll għall-identifikazzjoni ta' vetturi kbar li ma kellhomx ħtieġa jgħaddu mit-toroq ewlenin. Huwa qal li sistema ta' dan it-tip teżisti f'Tal-Pietà.

6.12. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li xi xhur qabel kienet saret laqgħa mal-LESA fejn l-uffiċjali preżenti kienu qalu li jistgħu jiġu nstallati cameras mill-istess LESA, u l-kontravvenzjonijiet li jkun hemm jidħlu għandhom direttament.

6.13. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-Kumitat Reġjonali nieda skema li tinvolvi l-installazzjoni ta' cameras ta' dan it-tip. Huwa fakkar li l-Kunsill kien għażel li jiġu nstallati cameras ta' sigurtà fil-Park tal-Familja.

6.14. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab servizz ta' erba' siegħat fil-ġimgħa mifruxa fuq tliet xhur, wara li jiġu stabbiliti l-ispejjeż. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-Kunsill jibbenefika mil-iskema tar-Reġjun Tramuntana dwar ix-xiri tal-cameras.

## 7.1. Tmexxija tal-parkeġġ fl-Għadira (B/5/Vol IV)(P/5/8/G)

7.2. Is-Sindku D.Vella għarraf li fis-16 ta' Lulju 2020 saret laqgħa għal dawk interessati fil-proġett imsemmi, li jinkludu l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, il-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u Projects Plus Ltd. Għan-naħa tal-Kunsill attenda s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

7.3. Fl-istess laqgħa sar magħruf li l-ewwel fażi tal-proġett ser tkun lesta għall-aħħar ta' Awwissu, filwaqt li t-tieni fażi lejn l-aħħar ta' Ottubru 2020. Is-Sur Vella aċċenna wkoll għall-emendi li qed jiġi proposti mill-Kunsill *vis-a-vis* is-sinjali u t-tabelli fxil-parkeġġ imsemmi. Saret ukoll il-mistoqsija dwar jekk il-Kunsill huwiex interessat li jidħol għat-tmexxija tal-parkeġġ bi ħlas nominali bil-għan li jiġu rkuprati l-ispejjeż involuti, kemm fl-immaniġġjar, kif ukoll għall-manutenzjoni tiegħu. Fil-laqgħa saret referenza għall-fatt li l-Kunsill m'għandux titlu fuq l-art, li jista' jiġi akkwistat bil-proċedura ta' devoluzzjoni.

7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa jekk il-Kunsill għandux jieħu t-tmexxija tal-proġett meta l-potenzjal tiegħu ma ġiex massimizzat bil-kostruzzjoni ta' iktar minn livell wieħed, partikularment fil-parti li tiġi mat-triq tal-Lukanda Mellieħa Bay. Huwa staqsa wkoll, li jekk tinħass il-ħtieġa li dan jitkabbar, ikunx iffisser li l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-ispiża, la darba jkollu titlu fuq l-art u l-benefikati li saru fuqha. Is-Sur E. Bartolo qal li wieħed irid ukoll jara kemm se tkun il-kirja mitluba mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż li ser jidħol għalihom il-Kunsill.

7.5. Is-Sur D. Vella qal li l-punt imsemmi fil-minuta 7.4. tqajjem fil-kuntatti li kien hemm ma' Project Plus Ltd, li minn naħa tagħhom jikkontendu li kemm-il darba sar skavar tas-sit kienu jinqalgħu problemi mas-Sovintendenza tal-Wirt Kulturali, li żgur kienu jtawwlu l-implimentazzjoni tal-proġett.

7.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li f'dawn it-tip ta' proġetti normalment jitqabbad kuntrattur sabiex jieħdu ħsieb it-tmexxija tagħhom. Ma' dan għandu jkun hemm l-obbligu tal-manutenzjoni. Ikun tajjeb ukoll li jittieħed parir legali dwar il-possibiltà li minn ikun fdat bit-tmexxija tal-parkeġġ ikun interessat jinvesti fit-tkabbir tiegħu. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan il-proġett huwa affettwat bl-istaġġjonalità f'dik li hija domanda, u għalhekk biex dan ikun sostenibbli, l-użu tiegħu għandu jiġi diversifikat, per eżempju wżat bħala post fejn jinżammu d-dgħajjes matul ix-xhur tax-xitwa. Staqsa dwar jekk ġiex iffissat *capping* fuq il-ħlas mill-pubbliku għall-użu tal-parkeġġ.

7.7. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, ġibed l-attenzjoni li bil-permess li nħareġ lil Projects Plus Ltd mhux possibbli li jinżammu d-dgħajjes fih, u għaldaqstant ikun jeħtieġ li ssir applikazzjoni apparti. Dwar l-ħlas għall-użu tal-parkeġġ, huwa qal li wisq probabbli dan irid jiġi propost mill-Kunsill permezz ta' *bye-law*.

7.8. Il-Kunsill iddeċieda li sabiex tintalab devoluzzjoni l-parkeġġ għandu jkun kopert b'permess li jippermetti l-ħażna tad-dgħajjes, bil-għan li tiġi garantita s-sostenibbiltà tiegħu bi dħul matul is-sena kollha, li għallinqas ikun ikopri l-ispejjeż tal-kuntrattur u l-manutenzjoni.

## 8.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) – Sena Finanzjarja 2019 (F/1/2/Vol IX)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2019, li kopja tagħha kienet inkluża mal-aġenda għal din is-seduta. Kompla jgħid li l-iktar punti notevoli, illi m'humiex ta' natura teknika fl-ittra ta' direzzjoni, kienu dawk li jidhru hawn taħt:

(a) Paragrafu 2.14 – Il-Kunsill għadu jirċievi ħlasijiet marbuta ma' ċitazzjonijiet li tħallsu wara li ġie xolt il-Kumitat Konġunt tal-LES f'Diċembru 2015. Minn dik is-sena sal-2019 ma kienx hemm stqarrijiet finanzjarji verifikati mill-udituri u għalhekk ma jistax isir magħruf kemm għandu jdaħħal il-Kunsill f'dan ir-rigward;

(b) Paragrafu 3.2. – Ir-riċevuti ta' xi oġġetti li jixtraw permezz tal-*petty cash* ma fihom ebda deskrizzjoni u għalhekk ingħata parir li fuq il-*voucher* li jkun hemm magħhom tingħata id-deskrizzjoni relattiva;

(c) Paragrafu 3.3. – Ġie osservat li kien hemm xiri ta' trofej; kiri ta' bhejjem, fjuri, kiri ta' blokki tal-konkos; u kiri ta' mwejjed u siġġijiet, li ma kinux koperti bi tliet stimi. Is-Segretarju spjega li hawnhekk l-udituri mhumiex jieħdu in konsiderazzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv jista' jawtorizza l-akkwist b'ġustifikazzjoni li jiswew bejn €50 u €500 bil-VAT inkluża;

(d) Paragrafu 3.5 – L-udituri nnutaw li xi assi permanenti qed jiġu assikurati fuq il-valur oriġinali, meta skont Direttiva 3/2017 dan għandu jkun ibbażat fuq in-*net book value*. Minn naħa l-oħra nnutaw li xi assi spiċċaw bla valur fuq il-kotba u għalhekk għandhom jiġu koperti fuq il-valur biex jinxtraw mill-ġdid;

(e) Paragrafu 4.1 – Ġie nnutat li fir-rigward tal-assi permanenti tiżisti diskrepanza fil-valur tagħhom li jidher fil-*fixed asset register* u dak li jidher fin-*nominal ledger*. Ġie spjegat li għaddej eżerċizzju minn naħa tas-Segretarjat biex jiġu traċċati d-diskrepanzi ndikati;

(f) Paragrafu 6.2 – Intqal li l-istokk ta' kotba ppubblikati mill-Kunsill jikkonsisti f'pubblikazzjoni li ilhom illi saru u għalhekk il-valur tagħhom għandu jiġu rivedut għaliex il-possibiltà li dawn jinbiegħu b'dak il-valur naqset;

(g) Paragrafu 7.1 – Inġibdet l-attenzjoni li jeżistu kredituri illi ilhom jidhru diversi snin u għalhekk il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk iħallihomx fuq il-kotba jew le. Fil-fatt fis-seduta li jmiss ser titressaq mozzjoni għal dan il-għan;

(h) Paragrafu 9.1. – Ġie nnutat li xi seduti tal-Kunsill damu iktar minn tliet siegħat u allura ma ġiex osservat il-Memo 68/2009. Is-Segretarju osserva meta seduti jieħdu aktar minn tliet siegħat ikun hemm ftehim bejn il-membri biex ikun jista' jsir dan;

(i) Paragrafu 12.4 – Inġibdet l-attenzjoni li l-Ittra ta' Direzzjoni ttellgħet fis-sit elettroniku tal-Kunsill bid-dettalji kollha nkluż dawk personali u għalhekk jista' ma ġiex irrispettat il-GDPR f'dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni ta' dettalji personali ta' persuni mhux involuti direttament fl-operat tal-Kunsill, skont kif indikat fiċ-Ċirkolari 7/2019.

8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, qara abbozz ta' tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, li kien inkluż ukoll mal-aġenda ta' din is-seduta, fejn ġew imwieġba l-punti trattati hawn fuq, kif ukoll oħrajn ta' natura teknika.

8.4. Wara diskussjoni fuq il-punti mressqa, il-Kunsill approva t-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, skont l-abbozz imressaq.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mil-Viċi Sindku illi tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2019, wara li saret il-verifika, ġie approvat fil-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 14 tal-10 ta' Ġunju 2020, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali Lokali (Finanzi) L.S. 363.01 – Artikli 16, u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; filwaqt li jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzjarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-baġit tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2019 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku skont kif mitlub fl-Artiklu 18 tal-imsemmija regolamenti.".***
**(F/1/2/Vol VIII)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 10.1. Kuntratt tal-impjieg – Uffiċjal fi Skala 11 (P/7/1/Vol XI)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, għarraf li l-kuntratt tal-impjieg tas-Sinjura D. Fenech Gambin wasal biex jiskadi. Huwa fakkar li t-tiġdid tal-kuntratt għal kull perjodu ieħor ta' tlett snin ikun meqjus fis-seħħ, sakemm ma jkunx hemm xi rapport negattiv fil-*performance appraisal,* jew f'xi rapport ieħor simili, li jkun jimmerita terminazzjoni tal-kuntratt tal-impieg. Il-liġi tipprovdi wkoll li, sa mill-inqas xahar qabel it-tmiem tal-kuntratt tal-impjieg tal-impjegat, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Kunsill rapport dwar il-*performance* tal-impjegat. Fil-fatt, l-aktar wieħed riċenti kien tressaq fis-Seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020.

10.3. Is-Sur C. Debono qal li ċertament ma kienx hemm rapport li jimmerita terminazzjoni, iżda jemmen li meta wieħed iqis li s-Sinjura D. Gambin hija fi Skala 11, gradwata fil-livell ta' masters, jeħtieġ li tassumi aktar responsabilitajiet kompatibbli mas-salarju u l-grad li tokkupa.

10.4. Il-Kunsill approva l-iffirmar ta' kuntratt definit għal tliet snin oħra, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2020.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Lulju 2020.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u s-17 ta' Lulju 2020.

11.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri, is-seduta spiċċat fil-11.50 pm u kien hemm qbil li tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**